# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 20 TA' JANNAR 2021**

**Kawża Numru:**

**Rik. Gur. 842/2018 RGM**

**Catherine Tabone (I.D. 323682 (M))**
**bhala kuratrici ta' l-interdetta Carmela**
**Tabone (I.D. 25419 (M))**

**vs.**

**i) Ghana Mission Foundation VO/0486**

**ii) L-Avukata Dr. Michelle Tabone Ekonomu ta' l-Arcisqof ta' Malta Amministratur tal-beni ta' l-Entitajiet Ekklesjastici ta' Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza ghall- Persuni b'Dizabilita` tas-Siggiewi VO/1066**

**iii) Mons. Gorg Grima bhala President u Jane Galea bhala segretarja ta' Gesu fil-Proxxmu NGO**

**VO/0140 u b’digriet tas-27 ta’ Novembru, 2018, gew ikkancellati l-kliem “Monsinjur George Grima” u sostitwita bil-kliem “Father Alexander Cauchi”**

**iv) Charles Decelis bhala president u John Sammut bhala segretarju tal-Mission Fund VO/0015 u**

**v) Avukat Dr Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-21 ta' Lulju 2020 gew nominati bhala Kuraturi deputati sabiex jipprezentaw l-eredi innoti ta’ Emanuel Barbara**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment moghti ghall-finijiet tal-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara talba imressqa b'rikors tat-3 ta' Novembru 2020 mill-konvenuti Ghana Mission Foundation; l-Av. Dr. Michelle Tabone, Ekonomu ta' l-Arcisqof ta' Malta Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Eklesjastici ta' Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Provvidenza ghall-Persuni b'Dizabilita' tas-Siggiewi; u Charles Decelis bhala President u John Sammut bhala Segretarju tal-Mission Fund; li bih, ghar-ragunijiet hemm moghtija, qed jitobu li l-Qorti thallihom f'dan l-istadju iressqu appell is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru 2020 fil-kawza odjerna, li biha u ghar-ragunijiet hemm moghtija cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hawn rikorrenti, u cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Ghaqda Volontarja Gesu' fil-Proxxmu li permezz taghhom il-konvenuti eccepew in-nullita' tal-azzjoni attrici.

Illi b'risposta prezentata fit-13 ta' Novembru 2020 l-attrici nomine qed topponi ghar-rikors imsemmi billi ssottomettiet illi ma hemm l-ebda raguni valida ghaliex il-konvenuti imsemmija ghandhom jithallew li f'dan l-istadju jintavolaw appell mis-sentenza preliminari fuq imsemmija.

Ikkunsidrat;

Bis-sahha tal-**Artikolu 231 (1) tal-Kap. 12** huwa mehtieg il-permess tal-Qorti sabiex parti tressaq appell minn sentenza preliminari jew in parte fil-mertu li tkun qatghet kwistjoni separata minn ghadd ta' kwistjonijiet f'kawza, qabel ma' l-kawza tkun inqatghet fil-mertu b'mod finali.

Fir-rikors taghhom tat-3 ta' Novembru 2020 l-konvenuti resqu bhala raguni ghat-talba taghhom ghall-permess sabiex jappellaw f'dan l-istadju mis-sentenza preliminari ghaliex isostnu illi l-azzjoni intavolata mill-kuratrici Catherine Tabone hija kuntrarja ghall-volonta' tal-interdetta Carmela Tabone illi kienet ghadha ma hiex interdetta meta ghamlet l-azzjonijiet li qed jigu attakkati mill-kuratrici. Isostnu illi huwa mehtieg li l-appell isir f'dan l-istadju stante illi jekk jsir l-appell mas-sentenza finali fuq dan l-aggravju mal-appell dwar l-aggravji l-ohra, jkunu qed jigu pregudikati d-drittijiet tal-esponenti.

Fir-risposta taghha l-attrici nomine tilqa' ghal din it-talba billi tissottometti illi l-konvenuti ma urewx fir-rikors taghhom x'inhu l-pregudizzju li jsofru jekk ma jithallewx jappellaw f'dan l-istadju mis-sentenza preliminari; issostni illi dwar eccezzjoni preliminari simili gia' hemm sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Marzu 2020 li tikkonforta t-tezi tal-attrici nomine fir-rigward; filwaqt li ssottomettiet illi l-kawza gia' ilha pendenti sentejn principalment minhabba diffikultajiet riskontrati fin-notifiki.

Ikkonsidrat;

Gie ritentu illi:"....... l-procedura mfissra fil-proviso tal-artikolu 231(1) tal-Kap 12 hija l-eccezzjoni ghar-regola li l-appell, ukoll minn sentenzi dwar kwestjonijiet maqtugha b’kapi separati, ghandu jsir wara s-sentenza ahharija; ................ Illi din il-Qorti, fid-decizjoni taghha jekk thallix lill-kumpannija rikorrenti tappella mid-decizjoni taghha, m’ghandha thares lejn xejn ghajr l-utilita’ prattika u l-ekwita’ li tippermetti li l-appell isir. Certament li din il-Qorti m’ghandhiex taghmilha hi ta’ qorti tal-appell jew li terga’ tqis fil-mertu l-konsiderazzjonijiet li hija tkun ghamlet meta tat id- decizjoni taghha impunjata;" [Provvediment - **Ronald Micallef et vs Subway (Malta) Limited** - Prim' Awla - 09.01.2002 - Citaz 1021/2000/1JRM]

Intqal ukoll illi: "Ma hemmx dubbju li l-iskop tal-legislatur meta ssostitwixxa, fl-1995 bl-Att XXIV ta' dik is-sena, l-Artikolu 231 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif kien precedentement bl-artikolu kif inhu llum, kien li jillimita l-ispezzettar tal-kawzi b'appelli interposti minn kull wahda mis-sentenzi in parte li tista' maz-zmien tinghata, bil-konsegwenti dewmien sa ma l-kawza kollha kemm hi tigi determinata, ghall-anqas fl-ewwel grad. In fatti, kif kien dana l-artikolu qabel ma gie sostitwit bl-Artikolu 114 tal-imsemmi Att, kien hemm il-possibilita` fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti sokkombenti li jew tappella minn wahda jew aktar mid-diversi sentenzi "wara li tinghata l-ahhar sentenza" jew li tappella minn kull sentenza separatament hekk kif din tinghata. Bid-disposizzjoni l-gdida l-legislatur ma nehhiex ghal kollox id-dritt tal-parti sokkombenti milli tappella minn sentenza in parte, izda ghamilha kundizzjonata ghall-otteniment tal-permess tal-Qorti li tkun ippronunzjat dik is-sentenza in parte. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, kull interpretazzjoni li talvolta tista' tkun mehtiega fir-rigward ta' l-Artikolu 231 ghandha tkun wahda restrittiva, u cioe` li tirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur li jargina z-zminijiet fl-interess tal-ispeditezza tal-kawzi. [**Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St George noe. vs Joseph Vella Galea et.** - Qorti tal-Appell - 16.12.2003 - Appell Civili Numru. 400/1990/3]

Ikkunsidrat;

Tenut kont il-hsieb tal-Legislatur wara l-promulgazzjoni tal-Artikolu 231 tal-Kap. 12, huwa doveruz fuq il-Qorti illi taghti interpretazzjoni strettissima meta tigi biex tiddeciedi jekk jezistux cirkostanzi impellenti illi jindikaw li jkun ekwu, gust u floku li appell minn sentenza parzjali jithalla jsir mill-ewwel u mhux jistenna li jigi intavolat mas-sentenza finali. Il-konsiderazzjonijiet moghtija mill-Qorti fis-sentenza preliminari m'ghandhom l-ebda piz u rilevanza meta tigi sabiex tilqa' jew tichad talba ghall-permess li jsir appell minn sentenza parzjali.

F'kazijiet simili l-Qorti trid taghmel ezercizzju komparattiv bejn ix-xenarju u l-konsegwenzi jekk tippermetti li jsir appell minn sentenza parzjali max-xenarju u l-konsegwenzi jekk ma tippermettiex li jsir tali appell.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-pregudizzju rispettiv tal-partijiet sew jekk kellha taghti l-permess mitlub; sew jekk kellha tichdu. Temmen illi fl-eventwalita' li l-Qorti kellha taghti l-permess ghall-appell f'dan l-istadju u l-appell jigi michud, il-pregudizzju tal-attrici jkun ferm akbar minn dak li talvolta jsofru l-konvenuti jekk il-Qorti ma taghtix permess li jsir appell f'dan l-istadju liema appell imbaghad ikun jista' jsir wara s-sentenza finali. [Ara **Tigran Arutyunyan v Property Consultants ATW Limited** (PA/318/12JRM/04.07.2017 fejn il-Qorti ma tatx permess li jsir appell minn sentenza in parte li kienet cahdet eccezzjoni preliminari fejn gie eccepiet in-nullita' tar-rikors guramentat promotur u irriteniet illi ic-cahda tal-permess ghal appell f'dak l-istadju ma kien ser johloq l-ebda pregudizzju lil min talab tali appell li dejjem kien ser jibqalu d-dritt li jappella mas-sentenza finali).

Hekk ukoll fil-kawza odjerna, l-ebda pregudizzju ma ser isofru l-konvenuti jekk il-Qorti tiprosegwi bis-smiegh tal-kawza, stante li ma ser isofru l-ebda debilita' sabiex jiddefendu l-posizzjoni taghhom ab bazi tal-eccezzjonijiet fil-mertu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tipprovdi dwar ir-rikors tal-konvenuti tat-3 ta' Novembru 2020 bil-mod segwenti:

1. Tichad it-talba tal-konvenuti sabiex jithallew jappellaw mis-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 2020.

2. Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

3. Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Moqri.**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion**